MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1236/2002

**Carmen Xuereb, Lora Birmingham, Angelo Grech, John Grech, Alfred Grech, Emanuel Grech, George Grech, Benjamina Cutajar, Giuseppa Borg, Shirley Farrugia u Rita Agius.**

**-vs-**

**Carmelo Grech u Marusca Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fl-1 ta' Novembru, 2002, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma kompropretarji tal-fond F/H no.1, Sqaq tal-Carmel, Valletta Road, Qormi;

Illi l-atturi recentement saru jafu li l-konvenuti kkontrattaw kirja fuq dan l-istess fond a favur ta’ M.arusca Azzopardi;

Illi din il-kirja saret minghajr il-kunsens ta’ l-atturi w ghalhekk ghandhom id-dritt bil-Ligi jitolbu li din il-kirja tigi annullata.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-ftehim li rrizulta li sar minn Carmel Grech lil Marusca Azzopardi fir-rigward tal-fond fuq indikat, hu null u bla effett fil-Ligi;

2. Konsegwentement tiddikkjara illi l-konvenuta Marusca Azzopardi qeghdha tokkupa l-fond fuq indikat, minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

3. Tordna lill-konvenuta Marusca Azzopardi tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss u dana a tenur ta’ l-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa w in-Nota tax-Xhieda ta’ l-atturi.

Rat in-Nota tal-konvenuti pprezentata fis-26 ta’ Marzu, 2003, li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fl-Att tac-Citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talbiet dedotti fic-Citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti l-Qorti qeghda tiddeciedi billi:

**Tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti fl-Att tac-Citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------